# GĦALIEX?

*Ta'* Anton Agius

"Fl-Imħabba ma sibt kenn!"

**Lill-Għasfur Igħanni** (Rużar Briffa).

DAĦLU ċorma waħda jidħku kemm jifilħu, daru dawra mejt madwaru, bil-werrej ta' jdejhom miftuħ lejħ biex ħadd ma jinfixel għal min iridu jgħidu, u b'leħen għoli kemm jista' jkun, qabżu erbat iħluq f'daqqa, "Ara x'għamlulu fil-bagalja!" ...

Hu. wieqaf f'nofshom, idawwar ħarstu minn wiċċ għall-ieħor, għajnejħ mifxulin, ma għarafx kif iġib ruħu.

Biex bħallikieku jistednuni nkompli magħhom u ntiegħem mill-għors li kienu fih, resqu tnejn minn sħabu fuqi u waqt li bilkemm ma tħajrux iġebbduni mill-komma ħalli jfehmuni aħjar li bħallikieku jeħtieġli nqum minn dak in-nagħas li huma stħajjluni rawni fih u noqgħod nitħenna magħhom, qabdu jgħajtu f'widnejja flimkien: "Ara x'għamlulu fil-bagalja! Imlewhielu ħmieġ! Imlewhielu, imlewhielu."

Għal dal-kliem infexxu jidħku aktar minn qabel daħk igħajjat.

Iżda dak il wieħed, bil-wieqfa kiebi fin-nofs tal-għoqda, baqa' qisu ma jistax jiftaħ ħalqu biex iħares lilu nnifsu mid-daħk u l-għajat ta' sħabu.

Id-daħk, l-għajat u l-ħamba mhux biss ma waqfitx, iżda l-bqija li ma kinux jafu x'inqala', żiedu, fil-għoqda taċ-ċorma, l-għajat u d-daħk, għalkemm bil-kemm il-kemm kienu jafu sewwa x'inqala' u sħabhom biex kienu sewwa sew qegħdin jidħku.

Iżda l-fiera ħteġilha tintemm u ħteġilha tintemm fil-waqt.

"Ġewwa lkoll," għajjatt.

B'idejja froqt lil dawk il-mniegħel qribi, u ġbidt fil-ġenb għall-wens lil dak li kienu jduru miegħu.

Kif ħassewni ġej, dawk l-egħfieren żgiċċaw bħal buqrajq għal posthom fil-kamra, u f'kemm trodd salib waqa' s-skiet, wiċċhom imdawwar lejja ħalli jaraw biex ħiereġ.

"Iftħu l-kotba. Araw: hawn dax-xogħol, tridu tagħmluħ. Jekk jinstama' ħoss wieħed biss, lanqas wieħed, b'raskom idur."

Meddew għonqhom bħal ħrief għax jafu li jaħbtu ħażin jekk jażżardaw jgħollu għajnejhom il fuq: u għax kienu jafu fil-qalb ta' qalbhom li għal dak l-istorbju li għamlu kien ħaqqhom min jagħmel għalihom.

U kif rajt li kollox kien sew u waqa' s-skiet, ġbidt maġenbi lil dak it-tifel li daru miegħu u staqsejtu:

"Għidli; x'ġara?"

"Xejn."

"Kif xejn?"

"Qabdu jidħku bija."

"Kollox sew, Għala? Fuqhiex?"

Għajnejh bħal tberrqu u ħjut koħol feġġew fuq wiċċu.

Għadirtu. Ridt nagħmillu l-qalb għax deher bħal għajjien u li ma riedx juri x'inqalagħlu.

Biex kliemna jibqa' bejnietna, għidtlu:

"Ara, ħadd ma hu ser jisimgħek. Inti dur wiċċek lejja: agħtihom dahrek lil sħabek, u ma jisimgħukx."

Kliemi għoġbu għax mal-ewwel għamel li tlabtu.

U rġajt staqsejtu:

"Għidli, x'ġara?"

"Għamluli l-ħmieġ"

"Hmieġ! Xi ħmieġ hu?"

"Hmieġ... ħmi... ħmieġ..."

"Kollox sew, ħmieġ: hu x'inhu. Fejn għamluhulek?"

"Fil-bagalja tiegħi."

"Min għamilhulek dal-ħmieġ?"

"Il-lavranti."

"Il-lavranti! x'lavranti huma?"

"Sħabi fejn naħdem."

"Stenna, tgħaġġilx. L-ewwelnett, int kont taf bih li għamlulek il-ħmieġ fil-bagalja?"

"Leqq."

"Mela kif sirt taf?"

"Għax kif kont dieħel hawn, wieħed ġie jiftaħli l-bagalja biex iwaqqagħli kollox fl-art... u... waqqgħuli l-bagalja fl-art, fetħuhieli..."

"U sħabek raw il-bagalja mimlija ħmieġ, hux hekk?"

"Iva."

"Meta għamlulek dan kollu l-lavranti?"

"Dal-għodu."

"Dal-għodu! Int fejn mort dal-għodu?"

"Il-forn tat-'Twila'. Għax jien naħdem ma tal-forn fil-għodu, f'nofs in-nhar u fil-għaxija."

"Kuljum dan?"

"Kuljum. Imma fil-għaxija ndum l-aktar, għax għandi hemm sa xi d-disgħa ta' bil-lejl."

"U fil-għodu?"

"Immur għandu mis-sebgħa."

"F'nofs in-nhar?"

"F'nofs in-nhar immur ftit."

"Tħallsek?"

"Iva."

"Il-paga għal min hi?"

"Għal ommi."

"Għidli ftit: kemm-il sena għandek sew?"

"Għadni kemm għalaq tmienja."

"U ħutek għandek?"

"Iva."

"Kemm?"

"Sebgħa oħra."

"Mela bik tmienja?"

"Iva. Il-bieraħtlula għammidna l-aħħar waħda."

"Issa, għidli ftit, int il-ġimgħa kollha tmur għax-xogħol?"

"Iva, imbarra l-Ħadd."

"Il-Ħadd fejn tgħaddieha?"

"Id-dar."

"Xi talkies, x'imkien ma tmurx?"

"Le, ma mmurx. Xi daqqiet forsi mmur."

"Mela, x'toqgħod tagħmel? Ingħid jien, il-Ħadd wara nofs in-nhar jew fil-għaxija fejn toqgħod? X'tagħmel?"

"Id-dar norqod."

"Tistrieħ mill-għeja?"

"Iva."

"Dak li ssib l-aħjar, nisħajjel, hux?"

"Iva, jew noqgħod għassa ma' ħuti."

"U ħuk ta' warajk, tifel jew tifla?"

"Bħali."

"Bil-ħaqq, dak ta' warajk, għalli jista' jkun jaħdem ukoll?"

"Iva."

"Ma' min?"

"Ma' tal-qfief."

"Ilu miegħu?"

"Xi ftit. Għax qabel ma kien hu, kont jien miegħu."

"Ki ?"

"Jiena qabel kont naħdem ma' tal-qfief, imbagħad jien fit-taxi naħdem ma' ħaddieħor, sibt lil dan tal-forn, u jien mort għand tal-forn, u hija ġie jaħdem għand tal-qfief ?

"Issa għadu jaħdem ma' tal-qfief?"

"Iva."

"Għidli għax inseji : kemm-il sena għandek?"

"Tmienja magħluqa."

"U bik, kemm intom aħwa?"

"Tmienja."

"Kollha subien?"

"Leqq : hemm xi tlieta bniet."

"Hi x'inhi, ismagħni sew. Issa, dwar dil-bużullotta li l-lavranti... bil-ħaqq, il-lavranti kbar?"

"Iva, ġuvintur kbar."

"Ara, l-aħjar li tagħmel hi li turihom li ma teħux għalik. Tpaxxihomx : tinkeddx."

"Iva."

"Ħeqq xi trid tagħmel! Ħtieġlek midd għonqok u tgiddem bi snienek fiż-żmien li fih bilkemm bexxaqt għajnejk. Ħtieġlek tiekol mill-kwievet mian ċkunitek. Trid titgħallem tigdem ilsienek u żżomm lura d-dmugħ minn issa, u għal dan kollu tmidd għonqok bħal ħmar ġwejjed. Għalkemm tfal trid iġġib ruħek ta' wieħed kbir. Smajtni?"

"Iva."

"Mela, ara, f'kelma waħda agħmel ta' bilruħek li qisu ma ġralek xejn. Lil sħabek tgħidilhom xejn. Jekk xi ħadd ikellmek, għid lili, ħalli nieħu ħsiebu jien. U meta tmur fuq ix-xogħol, sib lill-imgħallem u għidlu b'li għandulek. Taħseb xejn, jaqbeż għalik. Fhimt?"

"Iva.".

"Issa mur f'postok."

Għal dal-kliem, wiċċu deher aħjar minn qabel, u deherli illi feġġet tbissima — jekk wara kollox tista' ssejħilha hekk. U kutu kutu mar qagħad bil-qiegħda f'postu.

U qgħadt għal ftit inħares lejn dik il-ġemgħa tfal sektin medhijin fuq xogħlhom. Ftit ilu kienu mdawrin qaqoċċa

waħda jidħku u jagħmlu storbju sħiħ b'wieħed minn sħabhom. Ftakart, bla ma ridt, meta jum fost l-oħrajn smajt ħafna għajat f'gallinar tat-tiġieġ li fih kien hemm jitrabbew xi erba' bċieċen. Meta mort nara fuqiex kienet dik il-ħamba kollha, insib lill-gallinar kollu mdawwar madwar beċċun, u kulħadd inaqqar fih. Fost qabda tferfir ta' ġwie[illegible], dwak it-tjur kienu qegħdin fl-akbar għors inaqqru ft[illegible] fil-beċċun li għalkemm nofsu ħaj, għajnejh imberrqa, lsienu jilheġ. sidru tiela' u nieżel, kellu nofs ġismu mikul.

Mur għidilhom lil dawk iż-żgħar ma jaħsbuhiex, għaliex xi erbat ijiem qabel kont rajt lil dak li ftit ilu kienu qegħdin jiżżufjettaw bih, għaddej ħafi jgħaġġel minn taħt il taħt ta' triq, b'ilbies ħafif imċappsin bi dbabar bojod bħallikieku ta' dqiq! Sewwa għaddhieli minn moħħi dik il-lejla.

Tabilħaqq li l-ħmar il-magħkur idur għalih id-dubbien..